**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : **birgu.lc@gov.mt** website : www.birgu.gov.mt

---

**Minuti tal-Laqgha 11 (07)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 11 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru, 2015 fil-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm).

Il-Hdax (11) il-Laqgha tas-Sebgha Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

- Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 10 (7)
- Korrispondenza
- L-Iffirmar tal-MoU mal-belt ta' Bodrum, Turkija
- Taghrif dwar ix-Xoghlijiet fil-Berga tal-Ingilterra
- Taghrif Dwar ix-Xoghlijiet fit-Toroq Desain u Kardinal
- Decizjoni dwar id-Data tar-Referendum tal-Bini tal-Arlogg fil-Pjazza
- Attivitajiet ghal Granet tal-Milied 2015
- Taghrif dwar l-Applikazzjoni ghall-Attivitajiet Milied 2016
- Skeda ta' Pagamenti

---

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv

**Prezenti**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard, Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel, Il-Kunsillier Eman Zerafa Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

**Talba**

Is- Sindku qal it-talba u taha bidu ghall- Laqgha numru 11(07).

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 10(7)**

Il-Minuti tal-Ghaxar (10) Laqgha tas-Sebgha Kunsill li gew iccirkulati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-Laqgha numru 11, u gew approvati b'mod unanimu.

2. **Arising**

**2.1 L-appell li hemm quddiem il-MEPA wara giet irrifjutata l-applikazzjoni ghal kiosk fuq Belvedere**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill li huwa kien prezenti waqt is-seduta tal-appell li saret fis-26 ta' Novembru, 2015, fejn huwa gie mitlub sabiex jipprezenta kopja tal-minuti tal-laqgha tal-kunsill, fejn l-istess kunsill kien ha decizjoni sabiex joggezzjona ghal din l-applikazzjoni. Huwa nforma lill-Kunsill li huwa kien ser jipprezenta il-kopja tal-minuti mitluba f'seduta ohra li ser issir fit-23 ta' Marzu, 2016.

**2.2 Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar is-Sjra Moira Azzopardi, Ufficcjal Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Birgu**

Wara li giet diskussjoni s-sitwazzjoni li nholqot minn meta s-sjra Azzopardi harget fuq 'sick leave', is-Sindku ippropona lill-Kunsill, li minn naha tieghu qabel b'mod unanimu, li ghal darb ohra tintalab direzzjoni mid-dipartiment ta' kif wiehed ghandu jagixxi meta fil-prezent il-Kunsill jinsab f'diffikulta' kbira minhabba li s-Sjra Azzopardi, li hi l-persuna ewlenija li tiehu hsieb progetti tal-EU u li issa ilha ghal zmien sostanzjali nieqsa mix-xoghol, u jekk tibqa' ma tidholx lura x-xoghol ikun hemm possibilita' kbira li l-Kunsill ikollu jirrinunzja ghal dawn il-progetti b'effett negattiv kbir fuq il-finanzi tal-kunsill. Intant is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill li hija rceviet korrispondenza elettronika minghand is-Sjra Azzopardi fejn talbet lis-Seg. Ezekuttiv biex tikkonferma li hija kien ghad fadlilha 89.5 sieghat leave. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hija talbet konferma ta' dan minghand l-accountant li kkonferma li s-Sjra. Azzopardi filfatt kien ghad fadlilha 89.5 sieghat leave ghad-dispozizzjoni taghha sal-ahhar ta' Dicembru, 2015. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ghandu nformazzjoni li s-Sjra. Azzopardi ma ghandiex hsieb li terga' tirritorna lura ghax-xoghol.

**2.3 Spunt Dwar il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean' li saret f'Cisterino bejn is-16 u it-18 ta' Novembru, 2015**

Is-Sindku talab lill-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, jikkonferma jekk waqt il-laqgha precidenti jekk kien sarx qbil li jigu avvicinati l-lokalitajiet li l-Kunsill ippropona sabiex jissiehbu f'din l-assocjazzjoni. Il-Vici Sindku wiegbu li l-Kunsill ma jistax javvicina lil dawn il-lokalitajiet qabel ma huwa jkollu f'idejh l-

informazzjoni li huwa talab bil-miktub lill-assocjazzjoni 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean'. Huwa ddikjara li sa issa ma kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

## 2.4 Il-progett WE-NET

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minhabba li kienet 'short notice' ma kienx possibbli li jattendi xi hadd f'isem il-Kunsill fl-ewwel konferenza li saret bejn it-12 u l-15 ta' Novembru, 2105. Huwa nforma lill-kunsilliera prezenti li l-Kunsill ma tilef l-ebda flus u li fil-futur il-Kunsill xorta ghadu jista' jattendi ghall-konferenzi tieghu u jippartecipa f'dan il-progett. Is-Sindku appella lill-Kunsill sabiex fejn hu possibbli jattendu l-konferenzi ta' dan il-progett, tal-LUNF u tal-progetti li possibilment jista' jkun involut fihom fil-futur qarib il-Kunsill.

## 2.5 Progett Let Us Not Forget (LUNF)

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kkjarifika l-kwestjoni tal-ispejjez tal-ivjaggar li jinvolvi dan il-progett. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ispejjez tal-ivjaggar ser ikunu koperti minn dan il-progett u mhux ser jkunu mhallsa mill-Kunsill.

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Attard sabiex jaghtieh informazzjoni rigward x'tip ta' kredenzjali irid ikollhom dawk il-persuni li ser jirraprezentaw lill-Kunsill waqt il-konfernezi ta' dan il-progett. Il-Kunsillier Attard informa lill-Kunsill li barra r-rapprezentant minn naha tal-Kunsill u l-koordinatur, it-tlett persuni ohra li ser jirraprezentaw lill-Kunsill irid ikollhom 'background' ta' zmien it-Tieni Gwerra Dinjija u tal-istorja taghha. Il-Kunsillier Attard informa lill-Kunsill li l-ewwel konferenza minn tlieta li ser issir barra minn Malta ser issir f'April 2016. Saret diskussjoni dwar liema membru tal-kunsill ser jattendi din il-laqgha. Gew diskussi wkoll diversi persuni li ghandhom gharfien fuq is-suggett tal-gwerra li l-Kunsill jista' jitloblhom jirraprezentawh, fosthom is-Sjri Dennis Darmanin, Lino Bugeja, Anton Attard, Lorenzo Zahra, Lino Bugeja u Etienne .

Is-Sindku ha spunt minn din id-diskussjoni sabiex jinforma lill-Kunsill fuq il-MoU li gie ffirmat minnu f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu u mis-Sindku ta' Bodrum, Turkija. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-iffirmar ta' dan il-ftehim sar fil-prezenza tal-Prim Ministru ta' Malta. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sindku ta' Bodrum estenda stedina lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jaghmel zjara ufficcjali gewwa Bodrum. Involuti f'dan il-MoU hemm anke il-Ministru ghat-Turizmu Dr Edward Zammit Lewis u ufficcjal minn naha tal-MHRA. Is-Sindku ppropona li jistieden u jlaqqa' flimkien is-Sindki tal-bliet barranin Amalfi, St Tropez u Bodrum u li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed f'gemellagg maghhom, gewwa l-Birgu. Dawn il-bliet barranin kellhom f'xi perjodu konnessjoni mal-Kavallieri ta' San Gwann. Is-Sindku qal li fil-present qieghed ifittex belt ohra barranija li wkoll ghandha b'xi mod konnessjoni mal-Kavallieri. Il-Kunsillier A Gellel ippropona li jsir gemellagg mal-gzira ta' Rodi li bhal Birgu u l-ibliet l-ohra msemmija hawn fuq ghandha konnessjoni kbira mal-Kavallieri ta' San Gwann. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, filwaqt li qabel mal-proposta tal-Kunsillier Gellel, talab l-approvazzjoni tal-bqija tal-Kunsill, liema approvazzjoni kienet wahda unanima. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jahdem mal-Ministeru tat-Turizmu sabiex din il-laqgha tkun possibbli.

**2.6 <u>Party tal-Milied ghat-Tfal tal-Lokalita' li ser isir fit-18 ta' Dicembru, 2015</u>**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma kien hemmx ispejjez ghal dan il-festin ghaliex kollox ser ikun kopert mid-donazzjonijiet li ngabru.

Is-Sindku ha spunt minn din id-diskussjoni sabiex isaqsi lill-Kunsillier Lawrence Attard rigward il-festin tal-anzjani li ser isir fis-17 ta' Dicembru. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Attard sabiex isaqsi lis-Sjra Anna Pisani rigward l-ispiza ta' dan il-festin, sabiex wiehed ikun jista' jara ahjar kemm ser jikkontribwixxi l-Kunsill ghall-festin tal-anzjani.

**2.7 <u>In-Nominazzjoni tal-Premju Zaghzugh/a tas-Sena 2015 tal-Kerygma</u> –**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, talab lill-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi sabiex jigbor informazzjoni dwar x'sar rigward in-nominazzjoni ta' Nikita Mizzi li saret minn naha tal-Kunsill.

**2.8 <u>Korrispondenza minghand Gracie Fenech Supervisior (Regjun tal-Port) rigward transport ghall-anzjani</u>**

Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li fuq talba tal-istess kunsill hija ddiskutiet dan is-suggett mas-Seg. Ezekuttivi tal-lokalitajiet ta' Bormla u tal-Isla. Hija nfurmat lill-Kunsill li hija giet infurmata li minn naha ta' dawn iz-zewg kunsilli ma ttiehdet l-ebda azzjoni.

**2.9 <u>Taghrif dwar Fondi - Progetti tal-Unjoni Ewropeja</u>**

Wara d-diskussjoni li saret fuq dan is-suggett fil-laqgha precidenti, fejn Is-Sindku talab lis-Seg. Ezek. sabiex tigbor informazzjoni minghand is-Sur Michael Cohen rigward il-fond ta' parti tal-ko-finanzjarment tal-kunsilli li ilu jezisti minn gvern precidenti, is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hija kkomunikat mas-Sur Cohen li minn naha tieghu kkonferma li dan il-fond ghadu jezisti. Intant, is-Sindku talab lis-Seg. Ezekuttiv sabiex terga' tikkomunika mas-Sur Cohen permezz tal-posta elettronika u titolbu f'isem il-Kunsill informazzjoni dettaljata dwar dawn il-fondi.

Is-Sindku ha spunt minn din id-diskussjoni sabiex jinforma lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet tal-ERDF gew ippublikati u li d-data tal-gheluq taghhom hi l-11 ta' Jannar, 2015. Is-Sindku qal li hu gie nfurmat mill-Perit Claude Busuttil sabiex wiehed ghandu jiehu l-opportunita' biex jingiebu fondi ghall-Berga tal-Ingilterra. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-MoU li sar bejn il-Kunsill u s-Segretarjat Parlamentari ghall-Anzjani, hemm indikat li meta din il-binja tibda topera bhala Centru ghall-Anzjani, din il-binja ser tkun immanigjata minn persuna mic-Civil. Huwa

nforma lill-Kunsill li hemm il-hsieb li meta jergghu jinfethu l-applikazzjoni tal-iskema tal-pannelli, il-Kunsill kien ser japplika ghal din l-iskema.

Intant, il-Kunsillier Gellel qal li huwa jhoss li l-playground ghandu jinghatalu l-importanza tieghu.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall talab lill-Kunsillier Anton Gellel sabiex jiehu r-responsabilita' sabiex jigbor kwotazzjonijiet ghall-lift li ser jigi nstallat fil-Berga ta' Franza.

l-Vici Sindku ha spunt minn din id-diskussjoni billi tkellem fuq Skema ta' Dizabilita' li kienet giet imnedija fil-gimghat li ghaddew. Fuq proposta tal-Vici Sindku, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-istess kunsill japplika ghas-Sur Joseph Ellul (Haddiem mal-Kunsill fuq l-iskema tal-ETC).

**2.10 <u>ATTIVITAJIET GHAL MATUL IS-SENA 2016</u>**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoniiet tal-Birgufest 2016 u ghall-attivitajiet ghall-Milied 2016, intbaghtu lid-dipartiment. Hu qal li l-ispejjez previsti ghall-attivita' tal-Milied 2016 lahqu ghal €19,000. Dawn l-ispejjez jinkludu baned lokali u baned barranin, kif ukoll Villagg tal-Milied. Is-Sindku hu tal-fehma li l-preparamenti ghal dawn l-attivitajiet iridu jibdew fl-immedjat. Is-Sindku qal li diga' ltaqa'mas-Sur Noel Castillo fejn dan tal-ahhar tah informazzjoni dettaljata rigward il-baned msemmija aktar il fuq u kemm ser jigu jiswew. Is-Sindku sahaq li sabiex l-attivitajiet tal-Birgufest 2016, Jum il-Birgu 2016 u tal-Milied 2016 jittellghu b'success, kulhadd irid ikun involut u jaghti sehmu. Huwa qal li kull kunsillier ghandu jerfa' ir-resposabilita' tal-attivita' li jkun responsabbli ghaliha.

Intant, is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li ghalkemm fil-laqgha precidenti kien hemm ftehim li jissewwa l-festun ghall-Milied 2015, dan baqa ma

sarx. Intlahaq qbil unanimu li wiehed irid igib kwotazzjoni minghand kuntrattur ghad-dwal tal-Milied 2016. Il-Kunsillier Gellel qal li tajjeb li wiehed ikun jaf ezatt min minn tal-istabbilimenti tal-lokal ta donazzjoni ghall-attivita' tal-Birgufest 2015.

Il-Kunsillier Gellel qal li l-ewwel laqgha tas-Sotto Kumitat ghall-Birgufest 2015 ghandha ssir f'Jannar 2016. Huwa ssugerixxa li dan is-sotto-kumitat ghandu jiltaqa' biex jfassal il-programm u jissottomettieh lill-Kunsill ghall-iskrutinju tieghu. Il-Kunsillier Gellel zied jghid li s-sotto kumitat irid jithalla liberu ghall-ideat godda, filwaqt li l-istess sotto-kumitat ghandu jissottometti l-istimi tal-ispejjez li jinvolvu l-attivitajiet li jkun proposti mill-istes sotto kumitat.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li 'bands' popolari u ta' certu kalibru ghandhom jigu avvicinati kmieni kemm jista' jkun.

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill ircieva notifika mid-dipartiment li s-somma ta' €15,000 ghall-Birgufest 2015 giet riimborsata flimkien mas-somma li tlahhaq aktar minn €19,000 tal-ispejjez tal-Berga ta' Franza. Kompla jghid li l-flus li l-Kunsill kellu jircievi mill-iskema tal-libreriji waslu wkoll. Huwa sahaq li l-ispejjez li nholqu mill-attivita' tal-Birgufest 2015 issa ghandhom jigu mhallsa immedjatament.

### 2.11 Taghrif Dwar Xoghlijiet fit-Toroq Desain u Kardinal

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, tkellem rigward x'ittella' fuq il-facebook minn persuna partikolari li jikkoncerna x-xogholijiet li qed isiru f'dawn iz-zewg toroq, cioe' wirja ta' disprezz lejn il-Kunsill u l-Ministru tat-Transport. Huwa nforma lill-Kunsill li ghalkemm hu jhoss li l-Kunsill ghandu jipprciedi bil-qorti ghaliex ihoss li hu u l-Kunsilliera kollha ma haqqhomx hekk, l-Avukat tal-Kunsill ta il-parir li l-Kunsill ma kellux kaz sabiex jtella' lil din il-persuna l-Qorti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-

Ministru tat-Transport kien ser jipprocedi legali u li l-membri kollha tal-Kunsill kienu ser jigu mitluba jixhdu l-Qorti.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall ppropona li l-membri kollha tal-Kunsill, ghandhom jitilghu xiehda fil-kawza li ser jiftah il-Ministru tat-Transport kontra din il-persuna, kif ukoll li l-membri tal-istess kunsill jiehdu kull pass necessarju kif tippermetti l-ligi. Il-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu qablu b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

**2.12 Registrazzjoni mal-Wasteserv – European Week for Waste Reduction**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Eman Zerafa informazzjoni x'sar f'din l-attivita'. Il-Kunsillier Zerafa spjega li din l-attivita' ma saritx ghaliex ma kienx sar *follow-up* taghha..

**3. L-Iffirmar tal-MoU mal-belt ta' Bodrum, Turkija**

**3.1** Dan is-suggett gie diskuss u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti

**4. Taghrif Dwar Xoghlijiet fit-Toroq Desain u Kardinal**

**4.1** Dan is-suggett gie diskuss u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti

**5. Attivitajiet ghal Granet tal-Milied 2015**

**5.1** Dan is-suggett gie diskuss u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti

**6. Taghrif dwar l-Applikazzjoni ghall-Attivitajiet Milied 2016**

**6.1** Dan is-suggett gie diskuss u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti

**7. Decizjoni dwar id-Data tar-Referendum tal-Bini tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza**

**7.1** Is-Sindku, is-Sur John Boxall, qal li r-referendum kien ippjanat ghal Dicembru, 2015, pero' minhabba xogholijiet li kienu jinvolvi diversi progetti tal-EU, dan ma kienx possibbli li jsir. Is-Sindku qal ukoll li din l-informazzjoni ghandha ssir bhala notifika bil-miktub lill-residenti kollha tal-lokal. Huwa ghal dar ohra rega' talab vot favur il-bini tat-Torri tal-Arlogg fis-sit originali tieghu, liema vot gie approvat b'mod unanimu mill-membri kollha tal-Kunsill. Fuq decizjoni uanima gie deciz li r-referendum isir fix-xahar ta' Marzu, 2016. Fuq proposta tas-Sindku, li giet approvata ukoll b'mod unanimu mill-membri tal-Kunsill, intlahaq qbil li l-ebda membru tal-kunsill ma jitfa' jew iwiegeb kummenti fuq il-facebook fuq dan is-suggett.

Is-Sindku qal li qabel ma jsir dan ir-referendum, ir-residenti ghandhom jigu mgharrfa ezatt x'hemm ippjanat permezz ta' esibizzjonijiet, ritratti u propoganda ohra. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kummissjoni Elettorali hija lesta li taghti kull ghajnuna mehtiega ghal dan ir-referendum. Filwaqt li huwa fakkar lill-Kunsill li l-ghajnuna finanzjarja li kienet giet imweghda mill-kumpanija Alf. Mizzi giet irtirata mill-istess kumpanija, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istess Kunsill gie offrut ghajnuna finanzjarja minn sors alternattiv.

8. <u>Korrispondenza</u>

**8.1 Posta elettronika mid-DLG rigward il-Kors Ghaqal id-Dar – Hajja Ahjar** – Is-Seg. Ezek infurmat lill-membri tal-Kunsill li mit-Tlieta, 19 ta' Jannar, 2016 fis-Sala tal-istess kunsill ser jinzamm kors bl-isem Ghaqal id-Dar – Hajja Ahjar.

**8.2 Posta elettronika lid-DLG rigward Applikazzjoni tal-Ativitajiet Kulturali (Memo 30/2015)** – 2016, liema suggett gie diskuss u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti.

**8.3 Sensiela ta' posta elettronika bejn id-DLG u l-Kunsill rigward installazzjoni ta' zewg Wifi Access Points ohra fil-Birgu** –Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gharraf lid-DLG li qed jitlob sabiex dawn iz-zewg Wifi access points ikunu installati f' Belveder fi Triq La Vallette u fid-Day Centre tal-Anzjani fil-Berga tal-Ingilterra.

**8.4 Stedina minn Transport Malta lill-Kunsill ghal-Laqgha li ser issir dwar rir-Rotot Godda -** Il-Kunsillier Attard qal li huwa attenda ghal din il-laqgha fl-14 ta' Dicembru, 2015 fejn gew diskussi r-rotot godda fil-lokalita'. Huwa nforma lill-Kunsill li dawn ser jidhlu fis-sehh fl-20 ta' Dicembru. Il-Kunsillier Attard qal li giet diskussa r-Rotta numru 4 li ser tigi rrangata wara Jannar 2016 minhabba li bhalissa mhux qed tghaddi minn Pjazza Gavinu Gulia, Bormla.

Intant, ii-Kunsill ha spunt minn dan is-suggett u ddiskuta il-problema iminenti tal-parkegg gewwa l-pjazza tal-Birgu. Wara diskussjoni mill-membri kollha tal-Kunsill, il-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu iddecidew b'mod unanimu li ghandu jsir parkegg temporanju fil-pjazza, fejn hemm l-arbli. Gie deciz ukoll b'mod unanimu li l-pulizija ikollha l-awtorita' li tirregolarizza dan il-parkegg temporanju. Fl-gheluq ta' din id-diskussjoni gie wkoll deciz unanimament sabiex b'mod immedjat terga' tigi nstallata CCTV camera gewwa l-pjazza.

**8.5 Memo 34/2015 mibghut permezz ta' posta elettronika mid-DLG –** Il-Kunsill gie mgharraf mid-DLG li jekk l-istess kunsill ghandu kuntratti ta' latrini pubblici li waslu fil-process ta' sejha ghall-offerti, id-data ta' skadenza tal-kuntratt m'ghandiex tkun aktar minn sena li tibda mill-1 ta' Jannar, 2016. Il-membri kollha tal-Kunsill ivverifikaw li fil-prezent dan il-memo ma jaffetwax lill-kunsill ghaliex m'hemmx kuntratti ezestenti ta' latrini.

**8.6 Posta elettronika mid-DLG rigward Garanziji**– Id-Direttur ghall-Kunsill Lokali qieghed jaghti direzzjoni lill-kunsilli lokali f'kaz meta kunsill jitlob

garanzija permezz depositu minghand persuni li jitolbu awtorizzazzjoni mill-istess kunsill ghal diversi xoghlijiet/uzu ta' makkinarju fil-lokalita' minhabba xi hsara li tista' tigi kkagunata fit-triq mill-materjal jew makkinarju li jkun qieghed jintuza' mill-persuna li tkun ghamlet it-talba. Id-DLG qieghed jissuggerixxi li l-kunsilli ghandhom jitolbu lill-individwu il-pagament f'forma ta' cekk bla ma dan ic-cekk ma jigi msarraf, sabiex wara li jikkonfermaw li ma sar l-ebda dannu, dan ic-cekk jigi mghoddi lura. Din id-direzzjoni qeghda tinghata sabiex l-individwu li japplika ma johrogx il-flus darbtejn ghaliex minn naha l-ohra l-istess individwu ikun hallas garanzija ohra mal-MEPA.

**8.7 Posta elettronika minghand Arthur Perici (LUNF Project)** – Cirkulari minghand Arthur Perici (Koordinatur tal-Progett) – Baghat formularju sabiex jintela' bl-ismijiet tal-Participanti minn naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Dan is-suggett diga' gie diskuss u mminutat aktar il fuq f'dawn il-minuti.

**8.8 Posta elettronika mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali dwar Laqgha mitluba mill-Onor Stefan Buontempo mas-Sindku u mas-Seg. Ezekuttiv** - Is-Seg. Ezekuttiv informat lill-membri kollha tal-Kunsill li din il-laqgha kellha ssir fil-21 ta' Decembru, 2015 u li fiha ser jigu diskussi d-devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali tal-progett tar-restawr tad-dahla tal-Birgu, toroq u facilitajiet ohra li jaghmlu mieghu, progetti kapitali u/jew infrastrutturali kurrenti jew ippjanati ghall-futur fil-lokalita' materji ta' interess generali ghall-Kunsill.
Is-Sindku kkonferma mal-Kunsill li kien ser jattendi ghal din il-laqgha.

**8.9 Sensiela ta' Korrispondenza bejn id-Direttur Patrick Vella (Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita') u l-Kunsill Lokali tal-Birgu –** Is-Sur Vella qed jitlob informazzjoni dwar l-pozizzjoni tal-Kunsill rigward ic-Centru tal-Anzjani. F'isem il-Kunsill, is-Sindku informa lis-Sur Vella li qeghdin isiru l-isforzi kollha sabiex dan il-post jitlesta u kompla spjegalu fid-dettal dak kollu li tlesta u li qieghed isir.

**8.10 Sensiela ta' korrispondenza elettronika mid-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunita' u l-Kunsill Lokali tal-Birgu** – Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu ghall-sejha ta' interess ghal 'Active Ageing Sessions in Active Ageing Centers in Malta and Gozo and Resedentiasl Homes for the Elderly' li nharget mid-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunita'.

**8.11 Korrispondenza mibghuta minn Fr John Avellino (Segretarju Kumitat Festi Esterni San Lawrenz)** – fejn huwa esprima l-apprezzament tieghu u tal-Kumitat ghall-ghajnuna kbira li inghatat mill-Kunsill waqt l-attivitajiet tal-festa ta' San Lawrenz.

**8.12 Sensiela ta' Korrispondenza bejn id-DLG u s-Sindku John Boxall (kopja taghha intbaghtet lill-membri kollha tal-Kunsill) –** fejn is-Sindku informa lid-Direttur tad-DLG li sakemm is-Seg. Ezekuttiv prezenti tibqa' tokkupa l-pozizzjoni fil-Kunsill Lokali sat-Tnejn 30 ta' Novembru, 2015, huwa ma kienx lest li jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala Sindku kif ukoll li ma jattendix ghall-Kunsill. Din il-kwestjoni giet diskussa mis-Sindku u mis-Sjra Tania Belfiore fejn din tal-ahhar infurmat lis-Sindku li ghalkemm hija xtaqet li ma tibqax tokkupa din il-kariga fil-Kunsill Lokali tal-Birgu, skont struzzjonijiet tad-DLG, hija ma setatx titlaq minn hemm ghaliex d-DLG salprezent ma sab l-ebda persuna li kienet lesta sabiex taghmilha ta' Agent Segretarju Ezekuttiv gewwa l-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku wiegeb li l-affarijiet ma jistghux jibqghu sejrin hekk bis-Seg. Ezekuttiv tahdem ftit hinijiet fil-gimgha biss u l-bqija tirraporta fis-Seg. Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali. Is-Sindku kompla jghid li kawza ta' dan ix-xoghol, specjament dak li jinvolvi progett tal-EU kien mar lura sew. Is-Seg. Ezekuttiv wegbitu li filwaqt hija ta'kuljum kienet tattendi xoghol fil-Kunsill sas-1:30 pm, hija qatt ma kienet involuta direttament fil-progetti tal-EU u l-kawza li dawn marru lura hija li is-Sjra Azzopardi, li ghandha r-responsabilita' ta' dawn il-progetti, kienet ilha minn Ottubru bis-sickleave. Intant, is-Sindku ddikjara li ser jiehu

---

azzjoni l-ghada stess billi jikkorispondi mal-Onor. Buontempo u d-Direttur tad-DLG sabiex jinfurmah li din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' hekk. Is-Seg. Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hi thossha ddispjacuta ghan-nuqqas ta' rispett li ntwerha lejha meta f'korrispondenza partikolari li nbaghtet mill-kunsill biex jaghti l-kondoljanzi hija ma gietx inkluza, kif ukoll l-eskluzjoni taghha fuq il-kartolina tal-Milied Is-Sindku qal li fil-kaz tal-kartolina tal-Milied kien sar zball filwaqt li l-kaz tal-kondoljanzi hu kien konxju tieghu.

**8.13 Korrispondenza elettronika minn Centru LEAP ghax-Xlokk** – il-Kunsill gie nfurmat li ser isir Christmas Market nhar id-29 ta' Dicembru, 2015. Din l-attivita' giet mghoddija qabel il-laqgha lill-Kunsillier Lawrence Attard.

**8.14 Korrsipondenza mit-TCTC –** il-Kunsill qieghed jigi mgharraf rigward il-Korsijiet LEARNIT li ser jigu offruti f' Jannar 2016 u qieghed jigi ssugerit minn naha tat-TCTC sabiex is-somma ta' €1,150, tkun diviza bejn il-kunsilli tal-Kottonera. Is-Sindku qal li l-kunsill ser ikun ser jhallas is-somma €384. Is-Sindku talab approvazzjoni, liema approvazzjoni minn naha tal-membri kollha tal-kunsill inghatat b'mod unanimu.

**8.15 Korrispondenza mibghuta mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz –** fejn l-istess socjeta' qeghda titlob sabiex issir laqgha 'post mortem' tal-attivita' tal-Birgufest 2015. Is-Sindku qal li din l-laqgha ghandha tintalab li ssir mill-Kunsill u minn ebda entita'/organizazzjoni ohra. Dwar dan is-suggeriment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu.

**8.16 Korrispondenza minghand l-Assocjazzoni Mazzri Birgu-Kalkara** Creek – qeghdin jitolbu permess sabiex jinstallaw DVR fil-latrina tat-Toqba u jaghmlu zewg kameras li jissorveljaw l-opri tal-bahar. Wara li saret diskussjoni fuq dan is-suggett, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jilqa' it-talba ta' din l-assocjazzjoni.

**8.17 Korrispondenza elettronika mill-European Cultural Tourism Network –** qeghdin jistiednu lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex isir membru u jissieheb fis-sejhiet li ser isiri fi progetti tal-EU.

**8.18 Notifika elettronika mid-DLG** – fejn qed jinfurmaw lil-Kunsilli bis-Sejha Pubblika ghall-Ghazla ta' Persuni biex iservu fil-*pool* tas-Seg. Ezekuttivi Prospettivi fil-Kunsilli Lokali u Kumitati Regjonali. Is-Sindku gharraf lill-Kunsill li kien ser jaghti parir lil Lara Mascena sabiex tapplika ghal din il-pozizzjoni.

## 9. Skeda ta' Pagamenti

**9.1** Is-Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, HSBC 9500-9515, BOV 2716-2772 u BANIF 489598-489621. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 11 ta'Novembru, 2015 – 15 ta' Dicembru, 2015.

***Il-Laqgha 11(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-8:30pm (tmienja u nofs ta' filghaxija).***

____________________ ______________________

| | |
|---|---|
| Tania Belfiore | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum* .................................................

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku

Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier

Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv